MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2011

Appell Civili Numru. 10/2008/1

**L-Avukat Robert Abela fil-kwalita` tieghu ta' mandatarju tal-assenti Angelo u Denise konjugi Cachia fil-kwalita` taghhom ta' legittimi rapprezentanti ta' binthom minuri Denise Cachia**

**v.**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti:**
**Preliminari**

B’rikors guramentat pprezentat quddiem il-Prim’Awla tal-Qorti Civili fis-7 ta’ Jannar, 2008 ir-rikorrent nomine ppremetta illi:

“1) Illi l-konjugi Angelo u Denise Cachia huma l-genituri tal-minuri Denise Cachia, li twieldet f’Malta fl-20 ta’ Jannar 1993, u dan skond ma’ jirrizulta mic-certifikat tat-twelid relattiv li qed jigi anness u mmarkat bhala Dokument A.
“2) Illi f’dan ic-certifikat tat-twelid tal-istess minuri li jgib in-numru ta’ registrazzjoni 507 tas-sena 1993 hemm indikat fit-tielet kolonna tal-istess certifikat, taht l-intestatura ‘Isem il-Wild’ l-isem ta’ Denise’.

“3) Illi l-imsemmija minuri dejjem uzat l-isem ta’ ‘Denise Junior’ u l-familja taghha u kull min jafha dejjem uzaw ghaliha l-isem ta’ ‘Denise Junior’, sa mit-twelid taghha, skond kif jirrizulta wkoll mill-affidavit ta’ missierha Angelo Cachia (Dok AC) u d-dokumentazzjoni annessa mieghu.

“4) Illi l-isem ta’ ‘Denise Junior’ u mhux dak ta’ ‘Denise’ huwa fil-fatt l-isem li bih il-minuri Denise kienet konsistentement imsejha.

“5) Illi ghaldaqstant ir-rikorrent nomine jixtieq li l-eventwali tibdil relattiv fl-att tat-twelid tal-minuri Denise jigi registrat u rifless f’kull att ta’ l-istat civili relattiv.

“Dan premess ir-rikorrent nomine talab li dik il-Qorti:

“1) Tiddikjara illi l-minuri Denise kienet u hija maghrufa konsistentement bl-isem ta’ ‘Denise Junior’ u mhux ‘Denise’;

“2) Tordna l-korrezzjoni fl-att tat-twelid tal-minuri Denise Cachia li jgib in-numru ta’ registrazzjoni 507 tas-sena 1993 billi fit-tielet kolonna taht l-intestatura ‘Isem il-Wild’ wara l-isem ‘Denise’ tizdied il-kelma ‘Junior’ u ghalhekk minflok jigi registrat l-isem ‘Denise Junior’;

“3) Tordna li dan it-tibdil fl-isem tal-minuri Denise Cachia jigi rifless f’kull att tal-istat civili relattiv ghall-isttess minuri b’mod illi ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi isem il-minuri Denise isir ‘Denise Junior’ u mhux ‘Denise’;

“4) Tordna lill-konvenut sabiex fi zmien ghaxart ijiem minn dakinhar li dawn il-proceduri jghaddu in gudikat jaghmel il-korrezzjoni u registrazzjonijiet mitluba fic-certifikat tat-twelid hawn fuq indikat.

“Bl-ispejjez kontra l-konvenut minn issa ngunt ghas-subizzjoni.”

B’risposta guramentata pprezentata fil-5 ta’ Frar 2008 l-intimat wiegeb:-

“1. Illi preliminarjament l-esponent joggezzjona ghat-talbiet kif dedotti fir-rikors guramentat stante li ‘Junior’ mhux isem u normalment hija kwalifika uzata nformalment biex tindika d-diversi generazzjonijiet fl-istess familja li jgibu l-istess isem u m’ghandiex ghalhekk tkun parti ntegrali mill-isem proprju tal-persuna.

“2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, jirrizulta mill-Att tat-Twelid tal-minuri ‘Denise’ li jgib in-numru progressiv ta’ iskrizzjoni 507 tas-sena 1993 li d-dikjarant kien missierha r-rikorrent Angelo Cachia li ddikjara u ffirma li l-informazzjoni hemm specifikata hija korretta.

“3. Illi ghandha ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini ta’ l-Artiklu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

“4. Illi fi kwalunkwe kaz l-azzjoni odjerna mhux attribwibbli ghal xi nuqqas ta’ l-intimat li ghaldaqstant m’ghandux jigi soggett ghall-ispejjez ta’ l-istanti.

“5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.”

**Is-sentenza appellata.**

Il-Prim'Awla tal-Qorti Civili ddisponiet minn din il-vertenza b'sentenza moghtija fit-3 ta' Ottubru, 2008 billi, ghar-ragunijiet hemm moghtija, cahdet it-talba tal-attur nomine bl-ispejjez kontra tieghu u dan wara li ghamlet is-segwenti kostatazzjonijiet u konsiderazzjonijiet:

"Ir-rikorrent noe. qed jitlob li dina l-Qorti tordna l-korrezzjoni fl-att ta' twelid ta' Denise Cachia fis-sens li isimha jidher bhala "Denise Junior" u mhux biss bhala "Denise" billi hija dejjem kienet hekk konsistentement imsejha.

"L-intimat wiegeb u oggezzjona ghat-talba billi "Junior" mhux isem imma kwalifika uzata informalment biex tindika d-diversi generazzjonijiet fl-istess familja u mhiex parti integrali mill-isem proprju ta' persuna.

**"Kontestazzjoni**

"Ir-rikorrent issottometta li Junior jintuza bhala isem ghal tarbija u bhala prova ta' dana ezebixxa document minn fuq website li dan l-isem huwa il 163 fil-lista ta' l-ismijiet l-aktar favoriti.

"L-intimat jikkontendi li 'Junior' mhux isem imma kwalifika informali uzata biex taghmel differenza bejn generazzjoni u ohra. Huma pprezenta wkoll ipprezenta dokumenti minn websites ohra fejn jirrizulta li 'Junior' mhux indikat bhala isem ta' tarbija. Inoltre ssottometta li fil-website indikata mir-rikorrent 'Junior' mhux indikat bhala isem ta' tifla.

**"Konsiderazzjonijiet**

"L-artikolu 253(2) tal-Kap 16 jipprovvdi li "Kull persuna tista' taghmel talba gudizzjarja ghar-registrazzjoni ta' l-isem jew ismijiet, liema isem jew ismijiet il-persuna tkun uzat jew tkun uzat ghaliha l-familja taghha, u liema jkunu ddikjarati mill-qorti li huma l-isem jew l-ismijiet li bihom il-persuna kienet konsistentement imsejha, minflok l-isem jew l-ismijiet li jidhru fl-att tat-twelid relattiv bhala l-isem

jew l-ismijiet moghtija u l-isem jew l-ismijiet li bihom it-tarbija ghandha tigi msejha".

"Il-bidla f'Atti ta' Stat Civili hija mahsuba mil-ligi kemm ghall-beneficcju tal-persuna koncernata, u kif ukoll fl-interess tat-terzi, u huwa f'dawn il-limiti li l-legislatur ried li l-Qorti tqis talbiet ghat-tiswija jew annotazzjonijiet f'atti bhal dawn.

"L-isem jikkonsisti mill-prenom u mill-kunjom. Fil-lingwagg komuni l-prenom hu maghdud bhala l-'isem proprju' tal-persuna lilha moghtija fil-mument tat-twelid mill-genituri u membri familjari ohra.

"Iz-zewg dokumenti ewlenin li solitament jaghtu fidi kemm lill-isem u l-kunjom tal-persuna huma rregistri parrokkjali tal-fidi battezimali u l-Att tat-Twelid ta' l-Istat.

"Fil-kaz in ezami meta nhareg l-Att ta' Twelid ta' Denise d-dikjarant missierha Angelo Cachia ddikjara u ffirma li l-isem jew ismijiet kif ghandha tissejjah it-tarbija kellhu jkun Denise biss. Ma sar ebda zball fl-att imsemmi li kien jehtieg xi korrezzjoni. Lanqas ma saret prova li kien hemm xi zball min-naha tar-Registru pubbliku.

"Illi l-fatt li Denise dejjem kienet imsejah u maghrufa minnhom bl-isem Denise Junior ma jfissirx illi b'daqshekk huma intitolati jikkorregu l-isem minn kif dan ikun registrat fl-att civili.

"Il-Qorti hi tal-fehma li ghalkemm wiehed jista jsejjah lilu nniffsu kif irid, ma jfissirx li dak li hu jsejjah lilu nniffsu ghandu jigi accettat bhala isem registrabbli. Fil-fatt il-Qorti hawn taqbel ma' l-intimat li l-kelma "Junior" hija aktar kwalifika biex tiddistingwi persuna minn ohra milli isem proprju ta' persuna. Angelo Cachia fil-fatt ighid li l-iskop li riedu jaghtuha l-isem Junior kien billi xtaqu li t-tifla jkollha l-isem ta' ommha pero' fl-istess waqt xtaqu li ma jkunx l-istess isem identiku.

"Inoltre l-fatt li fuq xi websites 'Junior' jidher bhala isem mhux prova konklussiva li dan hu hekk, apparti li fatt li fuq websites ohra l-istess ma jidhirx."

**L-appell tar-rikorrent nomine.**

Ir-rikorrent nomine hass ruhu aggravat bis-sentenza fuq riportata u ghalhekk, b'rikors ipprezentat fl-10 ta' Ottubru, 2008 talab li, ghar-ragunijiet hemm moghtija, din il-Qorti joghgobha tirrevoka u thassar is-sentenza appellata u ghaldaqstant tilqa t-talbiet tar-rikorrent nomine, bl-ispejjez tal-Ewwel Istanza kontra l-appellant filwaqt li dawk ta' din l-istanza jigu sopportati mill-appellat.

L-intimat appellat ipprezenta risposta ghar-rikors hawn fuq imsemmi fejn talab li, anke ghar-ragunijiet hemm moghtija, l-appell jigi michud u s-sentenza appellata kkonfermata bl-ispejjez kontra l-appellant.

**Ikkunsidrat:**

L-appellant qieghed bazikament jressaq zewg aggravji billi jissottometti li l-konkluzzjonijiet tal-ewwel Qorti kienu rizultat ta':

a) zball ta' dritt u
b) zball ta' fatt.

**Dwar zball ta' dritt.**

Qed jigi sottomess li, kuntrarjament ghal dak li qalet l-ewwel Qorti, sabiex tirnexxi l-azzjoni odjerna mhux necessarjament mehtieg l-izball bhala raguni ghall-korrezzjoni ta' certifikat. Din l-eventwalita` hija prospettata fis-subartikolu 253(1). Izda s-subartikolu 253(2) tal-Kap. 16 jikkontempla wkoll "*talba gudizzjarja ghar-registrazzjoni ta' l-isem jew ismijiet, liema isem jew ismijiet il-persuna tkun uzat jew tkun uzat ghaliha l-familja taghha, u liema jkunu dikjarati mill-Qorti li huma l-isem jew l-ismijiet li bihom il-persuna kienet konsistentement imsejha, minflok l-isem jew l-ismijiet li jidhru fl-att tat-twelid relattiv bhala l-*

*isem jew ismijiet moghtija u l-isem jew ismijiet li bihom it-tarbija ghandha tigi msejha.*" Dan, qed jissottometti l-appellant nomine, huwa l-kaz li jinsab quddiem din il-Qorti u gialadarba rrizulta ampjament, anke kif irrikonoxxiet l-ewwel Qorti, li l-minuri kienet dejjem tissejjah bl-isem Denise Junior, it-talba kellha tigi akkolta kif gara fil-kaz ta' Maria Giglio fil-proceduri istitwiti minnha kontra d-Direttur tar-Registru Pubbliku (Citaz. Nru. 88/2004 GC) deciz mill-Prim'Awla fil-25 ta' Jannar, 2004.

Id-Direttur tar-Registru Pubbliku irribatta dan l-aggravju billi fl-ewwel lok abbraccja l-konkluzzjoni tal-ewwel Qorti li l-fatt li l-minuri kienet maghrufa mill-familja taghha bhala 'Denise Junior' ma jfissirx illi hija intitolata li tbiddel id-dettalji fuq l-Att tat-Twelid taghha stante li huwa fatt komuni li persuna tigi msejha diversament b'xi *pet-name* mill-familjari taghha. Din is-sottomissjoni giet ukoll applikata mill-appellat b'risposta ghal dak li gie sottomess mill-appellanti fir-rigward tas-sentenza ta' Maria Giglio billi, f'dak il-kaz, certament li l-isem li gie abitwalment uzat kien isem proprju u mhux "kwalifika".

Ezaminati z-zewg posizzjonijiet tal-kontendenti din il-Qorti taqbel ma' dak li qed jigi sottomess mid-Direttur appellat u effettivament dak li qalet l-ewwel Qorti. Is-subartikou 253(2) tal-Kap. 16 veru jaghti certa drittijiet mhux necessarjament bazati fuq "korrezzjoni" ta' zball, izda b'daqshekk dan id-dritt ma ghandux jigi abbuzat. Infatti l-istess subartikolu jikkoncedi d-dritt ghar-registrazzjoni ta' "*isem jew ismijiet"* li persuna tkun uzat jew tkun uzat ghaliha l-famila taghha, u mhux koncess li wiehed jintroduci fic-certifikat tat-twelid li, skont is-subartikolu (3) tal-istess artikolu, jigi rifless f'kull att tal-istat civili, kwalunkwe kelma li setghet tigi uzata fil-konfront tat-tarbija. Jinghad ukoll li l-ghan ta' dan is-subartikolu hu biex isem jigi sostitwit b'iehor u mhux li jizdied isem iehor ma' dak li ga` hemm. Dan jirrizulta car mid-dicitura tal-istess subartikolu billi hu mahsub li l-isem jew ismijiet li bihom kienet konsistentement imsejha jiehdu post l-isem li jirrizulta fic-certifikat u mhux kif qed jintalab f'dawn il-proceduri.

Jinghad ukoll li l-kelma *“junior”* bl-ebda gbid tal-immaginazzjoni ma tista’, ghalanqas f’kuntest lokali, tigi kunsidrata bhala isem kif normalment wiehed jifhem din il-kelma. Infatti fid-dizzjunarju insibu li l-kelma *“junior”* tfisser “*younger in years, or lower in rank; the younger of two; opposed to senior ….*”. Jew kif jinghad f’Kelmet il-Malti tal-Kaptan Pawlu Bugeja, “*ic-ckejken, iz-zghir*” u affarijiet simili. Din il-Qorti ghalhekk tikkondividi l-konkluzzjoni tal-ewwel Qorti fir-rigward u tiddikjara dan l-aggravju mhux gustifikat.

Din il-konkluzzjoni tapplika wkoll fir-rigward tat-tieni aggravju sollevat mill-appellanti fejn qed jigi sottomess li l-kelma *“junior”* hi uzata bhala isem ghax hekk jirrizulta f’*web-sites*. Din il-Qorti izda hija tal-fehma li l-kwistjoni, kif ga` inghad, trid tigi ezaminata f’kuntest malti u gialadarba lokalment il-kelma *“junior”* tfisser dak li gie riportat hawn fuq, ma ghandhiex tigi kunsidrata fil-kuntest tas-subartikolu 253(2) imsemmi.

Illi dwar l-allegazzjoni tar-rikorrent Angelo Cachia li meta mar biex jirregistra t-tarbija ma kienet instabet ebda oggezzjoni li l-kelma *“junior”* tizdied bhala *“middle name”* din il-Qorti tosserva li jekk dan verament kien hekk, biss ma tezisti ebda prova fir-rigward, ghaliex l-istess Angelo Cachia ma nsistiex dakinhar u minflok iffirma l-korrettezza tar-registrazzjoni minghajr dan il-*“middle name”*.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-appell tar-rikorrent nomine qed jigi michud u s-sentenza appellata kkonfermata bl-ispejjez kontra l-appellanti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------